DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2021/2210

tas-7 ta' Diċembru 2021

li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia) (EUCAP Somalia/1/2021)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/389/PESK tas-16 ta' Lulju 2012 dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) tagħha,

Billi:

(1) Skont id-Deċiżjoni 2012/389/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tat-Trattat, jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti għall-fini tal-eżerċizzju tal-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia), inkluż id-deċiżjoni li jinħatar Kap tal-Missjoni.

(2) Fid-19 ta' Settembru 2019, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/1591 ([2]) li taħtar lis-Sur Christopher REYNOLDS bħala Kap tal-Missjoni tal-EUCAP Somalia mill-10 ta' Settembru 2019 sal-31 ta' Diċembru 2020.

(3) Fl-10 ta' Diċembru 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/2031 ([3]) li testendi l-mandat tal-EUCAP Somalia sal-31 ta' Diċembru 2022.

(4) Fil-15 ta' Diċembru 2020, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/2164 ([4]), li testendi l-mandat tas-Sur Christopher REYNOLDS bħala Kap tal-Missjoni tal-EUCAP Somalia mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2021.

(5) Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ppropona li l-mandat tas-Sur Christopher REYNOLDS bħala Kap tal-Missjoni tal-EUCAP Somalia jiġi estiż mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Diċembru 2022,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-mandat tas-Sur Christopher REYNOLDS bħala Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia) huwa b'dan estiż mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Diċembru 2022.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2022.

([1]) ĠU L 187, 17.7.2012, p. 40.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2019/1591 tad-19 ta' Settembru 2019 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia) (EUCAP Somalia/1/2019) (ĠU L 248, 27.09.2019, p. 65).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/2031 tal-10 ta' Diċembru 2020 li temenda d-Deċiżjoni 2012/389/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia) (ĠU L 419, 11.12.2020, p. 26).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2020/2164 tal-15 ta' Diċembru 2020 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia) (EUCAP Somalia/1/2020) (ĠU L 431, 21.12.2020, p. 59).

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Diċembru 2021.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà
Il-President
D. PRONK